MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 145/2000/2

**Axel Johnson International AB,
rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha
Dottor Louis Cassar Pullicino**

**v.**

**Aluminium Extrusions Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

B’rikors intavolat fis-26 ta’ Jannar, 2000 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili s-socjeta` Axel Johnson International AB ippremettiet illi b’att pubbliku fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia tat-3 ta’ Novembru 1993, is-socjeta` intimata kkostitwit ruhha veru, cert u likwidu debitur fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta’ miljun tmien mija u tlieta u hamsin elf u mitejn u tnejn u disghin elf dollaru Amerikan (US$1,853,292.00) oltre l-imghax dovut sal-pagament effettiv. Dan id-debitu rega’ gie rikonoxxut fi skrittura sussegwenti tat-30 ta’ Novembru, 1993 u f’sensiela ta’ kambjalijiet datati 2 ta’ Dicembru 1993, liema dokumenti qeghdin jigu esebiti u markati rispettivament bhala dokumenti “A”, “B” u “C”; illi mid-data ta’ l-imsemmija kuntratti saru xi pagamenti akkont mill-garanti ta’ dan id-dejn u xi pagamenti zghar ohra mis-socjeta` intimata, liema pagamenti gew effettivament debitati akkont ta’ l-interessi li lahqu mmaturaw b’dan illi kif jidher mill-anness prospett markat bhala dokument “D”, sat-30 ta’ April 1999, l-ammont dovut mis-socjeta` intimata kien jammonta ghal zewg miljuni tlett mija u hamsin elf u mitejn u sbatax-il dollaru Amerikan (US$2,350,217); Illi mid-data ta’ l-imsemmi prospett irid jizdied l-imghax u jigi debitat pagament ta’ hmistax-il elf lira (LM15,000) li sar f’Jannar ta’ din is-sena; illi s-socjeta` intimata kienet giet interpellata sabiex thallas l-ammont minnha dovut permezz ta’ ittra ufficjali tas-17 ta’ Mejju 1996 izda xorta baqghet inadempjenti; kopja legali ta’ din l-ittra qeghda tigi annessa u markata bhala dokument “E”; illi matul l-ahhar snin saru diversi inkontri bejn il-kontendenti sabiex jinstab mezz ta’ kif jigi saldat il-kreditu tas-socjeta` rikorrenti izda minkejja diversi tentattivi u proposti da parti tas-socjeta` intimata, ma sar ebda zvilupp sostanzjali fil-qaghda finanzjarja taghha; illi di piu` jidher illi s-socjeta` intimata ghandha debiti ohra sostanzjali fil-konfront ta’ kredituri ohrajn kif jista’ jigi pruvat ahjar waqt is-smigh ta’ dawn il-proceduri; illi ghalhekk huwa evidenti illi s-socjeta` intimata m’hijiex f’qaghda li thallas il-kredituri taghha u in vista tad-debitu sostanzjali li ghandha fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, jidher car illi s-socjeta` intimata fic-cirkostanzi attwali m’hijiex ser tkun f’qaghda li thallas ebda pagament akkont tad-djun li ghandha; dan premess is-socjeta` rikorrenti talbet li dik il-Qorti:-

1) tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` intimata Aluminium Extrusions Limited m'hijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha u konsegwentement tordna x-xjoljiment u stralc konsegwenzjali ta' l-istess socjeta` intimata a tenur ta' l-Artikolu 214(2)(A)(i)(ii) ta' l-Att XXV tal-1995 Dwar il-Kumpanniji;

2) taghti kull provvediment opportun sabiex jinhatar l-istralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att XXV tal-1995 Dwar il-Kumpanniji.

Bl-ispejjez.

B'risposta intavolata fl-1 ta' Marzu 2000 is-socjeta` intimata intavolat is-segwent eccezzjonijiet:-
1. Preliminarjament l-Artikolu 214(2)(a)(i) ta' l-Att XXV tal-1995 dwar il-kumpanniji mhux applikabbli peress illi l-kumpannija intimata qatt ma ssospendiet ix-xoghol taghha.

2. Preliminarjament ukoll lanqas hu applikabbli is-subinciz 2(a)(ii) tal-precitat artikolu peress illi l-esponenti tista' thallas id-dejn taghha.

3. F'kull kaz u bla pregudizzju ghas-suespost a tenur ta' l-Artikolu 214(5)(b) irid jigi pruvat ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi s-socjeta` ma tistax thallas id-djun taghha wara illi tqis il-passiv kontingenti u prospetti tal-kumpannija.

4. Illi per konsegwenza id-domandi tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti.

5. Illi fil-meritu l-komputazzjonijiet maghmula mis-socjeta` rikorrenti huma inveridici billi l-ammont talvolta dovut lilha jammonta ghall-miljun seba' mija u tlieta u sebghin elf mitejn u disgha u tmenin dollaru Amerikan (US$1773289) skond l-anness Dokument "E" minn fejn jirrizulta illi kuntrarjament ghal dak illi qed jigi allegat s-socjeta` esponenti ghamlet pagamenti sostanzjali.

## IS-SENTENZA APPELLATA

B’sentenza moghtija fit-28 ta’ Mejju, 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi ddikjarat illi s-socjeta` intimata m’hiex f’qaghda li thallas id-djun taghha u ghalhekk ordnat ix-xoljiment u stralc taghha a tenur ta’ l-Artikolu 214(2)(a)(i)(ii) ta’ l-Att XXV tal-1995 dwar il-Kumpanniji u hatret bhala stralcjarju lil Steve Cachia biex jikkonduci l-istralc skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Att XXV tal-1995, bl-ispejjez kontra l-intimati.

## L-APPELL

Mis-sentenza fuq imsemmija appellat is-socjeta` J.B. Holdings Ltd (fol. 332) inkwantu hasset ruhha aggravata billi l-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet cahdet talba taghha sabiex a tenur ta’ l-Art. 960 tal-Kap. 12 tawtorizzaha tintervjeni *in statu et terminis* u ghalhekk b’rikors intavolat fit-3 ta’ Gunju 2003 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar l-imsemija sentenza u tirrinvija l-atti lill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili “*sabiex is-sentenza tat-28 ta’ Mejju, 2003, fir-rikors numru 145/00 jigi mismugh u deciz*” (*sic*).

Appellat ukoll is-socjeta` intimata (fol. 335) u dana b’rikors ukoll pprezentat fit-3 ta’ Gunju, 2003 fejn talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u b’hekk tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` rikorrenti appellata.

Is-socjeta` rikorrenti appellata intavolat r-risposti taghha ghall-appelli hawn fuq imsemmija fejn naturlament irrilevat li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u b’hekk l-appelli ghandhom jigu michuda.  B’danakollu jidher li fil-mori ta’ dawn il-proceduri l-kontendenti waslu fi ftehim li jinsab kontenut f’rikors konguntiv tat-tlett partijiet u cioe` Axel Johnson International AB, Aluminium Extrusions Limited u J.B. Holdings Limited, ipprezentat fit-2 ta’ Mejju, 2006 li jaqra hekk:
“1. Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Mejju 2003 il-Qorti ddecidiet billi

ddikjarat illi s-socjeta` intimata m'hiex f'qaghda li thallas id-djun taghha u ghalhekk ordnat ix-xoljiment u stralc taghha a tenur ta' l-Artikolu 214(2)(A)(1)(ii) ta' l-att XXV tal-1995 dwar il-Kumpanniji.

2. Illi skond kif rikjest mill-Artikolu 224(1) ta' l-att XXV tan-1995 dwar il-Kumpanniji kopja ta' l-ordni ta' l-ewwel Qorti giet kommunikata lir-Registratur tas-Socjetajiet u giet debitament registrata.

3. Illi Aluminium Extrusions Limited interponiet appell minn din is-sentenza.

4. Illi fil-mori ta' l-appell il-kontendenti ttransigew il-pendenzi li kien hemm bejniethom b'dana pero` illi jekk Aluminium Extrusions Limited tipprocedi biex iccedi l-Appell l-ordni ta' l-ewwel Qorti li giet komunikata lir-Registratur tibqa veljanti peress illi ordni tal-Qorti tista` tigi revokata biss b'ordni ohra tal-Qorti f'dan il-kaz il-Qorti ta' l-appell.

"Ghaldaqstant, in vista tas-suespost il-partijiet jitolbu bir-rispett kollu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprocedi u tiddeciedi billi tirrevoka l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti, tirrevoka il-hatra ta' l-istralcjarju u tipprocedi biex tikkomunika tali revoka lir-Registratur tas-Socjetajiet ghad-debita registrazzjoni skond il-ligi salv kull provvediment illi joghgobha taghti."

In vista ta' dan din il-Qorti ma ghandha xejn aktar x'taghmel hlief li tippronunzja ruhha konformement max-xewqa tal-kontendenti u b'hekk tirrevoka u thassar l-ordni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili bis-sentenza tat-28 ta' Mejju, 2003 inkwantu gie hemm dikjarat illi s-socjeta` intimata m'hiex f'qaghda li thallas id-djun taghha u ghalhekk ordnat ix-xoljiment u stralc taghha a tenur ta' l-Artikolu 214(A)(I)(ii) ta' l-Att XXV tan-1995 dwar Kumpanniji, kif ukoll tirrevoka l-hatra ta' Steve Cachia bhala stralcjarju ta' l-istess socjeta` u konsegwentement tordna li minnufih kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tas-Socjetajiet sabiex dan jikkancella r-registrazzjoni li kien ghamel konsegwenti ghall-ordni

moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza msemmija tat-28 ta’ Mejju, 2003.

Konformement ma’ dak li qablu l-partijiet fil-verbal ta’ l-udjenza tad-9 ta’ Mejju, 2006 din il-Qorti qeghda wkoll tirrevoka dik il-parti tas-sentenza tat-28 ta’ Mejju, 2003 koncernanti l-kap ta’ l-ispejjez billi tordna li l-ispejjez ta’ l-ewwel istanza, bhal dawk ta’ dan l-appell, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------